IL-BIRGU

Citta' Vittoriosa

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

## Laqgħa Numru 74

## 14 ta` Mejju 2019

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Lawrence Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Eman Zerafa – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresedja l-laqgħa.

### 74.1 Qari ta` Ittri ta` Apologija

74.1.1 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li ma kienx hemm ittri ta` apologija.

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li s-Sur Eman Zerafa kien ser jitarda ftit.

74.1.2

### 74.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat il-Minuti tal-Laqgha Nru 72(07) fejn gew approvati bi qbil unanimu.

**Punti mqajma mill-Minuti**

74.2.1 Is-Sur Boxall nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill ghadu ma nghatax risposta mis-Sur Bonnici dwar l-inawgurazzjoni tal-Go Bike. Is-Sindku talab sabiex jsir kuntatt mas-Sur Bonnici. *(Minuti 72 (07) 72.3.10)*

74.2.2 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-applikazzjoni biex issir dar tal-anzjani ma gietx approvata. Is-Sur Boxall zied jghid li minn tnax –il vot, kien hemm vot wiehed biss favor, dak tal-Kunsill. Is-Sindku zied jghid li f`din is-sitwazzjoni, il-Kunsill irid jara x`binjiet hemm fil-lokalita li huma tal-Gvern u jinstab kuntrattur li jista` jinvesti f`dan il-progett. *(Minuti 72 (07) 72.3.13)*

74.2.3 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li xoghol fuq ir-restawr tal-fanali ghadu qed issir. Is-Sur Boxall zied jghid li l-persuna li qed tirrestawra l-fanali tablet is-somma ta` 120Euro ghal kull fanal. Is-Sur Boxall zied jghid li l-prezz jinkludi xoghol kollu relatat mall-hadid.  Dwar dan kien hemm qbil unanimu. *(Minuti 72 (07) 72.4.1)*

74.2.4 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li laqgha ma` rapprezentanti tar-Regatta u l-periti nvoluti fil-progett ta` Toqba saret u gew mifthema l-punti kollha li jikkoncernaw il-partijiet kollha. Is-Sur Boxall zied jghid li GHRC ser jiehdu hsieb li jaghmlu street furniture u dwal. *(Minuti 72(07) 72.6.1)*

72.2.5 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill kien ibenifika mill-Skema SPI/05/2019 Rebbiegha fil-Komunita – Xettel b`Ilwien in-Natura, fejn ser jircievi l-pjanti biex dawn jitqassmu lir-residenti ta` toroq maghzula. *(Minuti 72(07) 72.3.8)*

**74.3 Korrispondenza**

74.3.1 Mibughta korrispondenza lill-Onorevoli Ministru Dr. Ian Borg dwar spazju ta` parkegg fiz-zona ta` Fuq tal-Hawli. Is-Sindku spjega li fit-talba tieghu huwa ghamel referenza ghal din iz-zona li hemm bejn iz-zewg kulleggi, dik ta` De La Salle u tal-Kullegg San Dwardu. Il-Vici Sindku propona sabiex il-Kunsill japplika biex il-parkegg issir riservat ghar-residenti, fejn dwar dan is-Sindku spjega li din it-talba kienet diga saret imma sfortunatament ma gietx accettata.

74.3.2 Gie prezentat progett li jaqa` taht il-programm ENI MED, fejn il-Kunsill wera l-interess f`dan il-progett.

74.3.3 Prezentata korrispondenza minghand is-Sur Jonathan Cini, fejn irringrazzja lill-Kunsill li ghogbu jtih ic-cans biex jaghmel il-wirja tal-Gimgha l-Kbira fl-entratura tal-Berga ta` Franza u talab sabiex ghal sena ohra jerga` jaghmel il-wirja fl-istess post. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

74.3.4 Prezentat l-istatement dwar il-hlas tax-xemghat li nxtraw ghall-attivita tal-Birgufest 2018. Is-Sindku nforma  lil dawk prezenti li dan il-pagament ma sarx ghax ix-xemghat li ntbghatu ma kienux ta` kwalita tajba u dwar dan diga` kellu diskussjoni mad-direttur ta` din il-kumpanija. Il-Kunsill bi qbil unanimu ddecieda li tintalab laqgha mad-direttur tal-kumpanija biex jintlahaq ftehim u kif ukoll l-Kunsill ikun jista` juri l-evidenza ta` xoghol hazin li ntbghat.

74.3.5 Moqrija korrispondenza li ntbghatet lill-Onorevoli Ministru Dr. Ian Borg dwar ix-xoghlijiet li qed issiru fi Triq San Dwardu, fejn il-Kunsill talab sabiex hekk kif qed issir din it-triq, jinstab spazju ghall-parkegg ukoll u dan sabiex titaffa l-problema li jiffaccjaw ta` kuljum ir-residenti ta` dik iz-zona minhabba iz-zewg kulleggi li jinsabu f`din it-triq.

74.3.6 Mibughta korrispondenza lis-Sur Kevin Fsadni, Direttur tal-MTA, fejn il-Kunsill talab lis-Sur Fsadni sabiex l-Awtorita Maltija ghat-Turizmu tghin finanzjarjament lill-Kunsill biex il-barklori jigu provdut lilhom uniformi u tinda ghall-qluh tax-xemx u xita.

74.3.7 Il-Kunsill Lokali tal-Birgu wera interess fi progett taht il-programm *"ENI CBC Mediterranean Sea Basin Programme 2014-2020"*

74.3.8 Prezentat il-progett bl-isem "*You(th) join Structured Dialogue for Active Participation*" li jaqa` taht il-programm Erasmus +, fejn il-Kunsill wera l-interess tieghu.

17.15hr Is-Sur Eman Zerafa inghaqad il-laqgha.

74.3.9 Prezentat il-poster li ntbghat mill-Vittoriosa Stars tal-attivita li ser itellu nhar il-15 ta` Gunju 2019 f`Couvre Porte, liema attivita ser ssir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Dawk prezenti approva unanimament dan il-poster.

74.3.10 Prezentata Cirkulari 6-2019 dwar Cameras installati mill-Kunsilli Lokali.

74.3.11 Prezentati kwotazzjonijiet u ritratti tal-bins li l-Kunsill jixtieq jinstalla f`kull klassi tal-primarja fl-iskola tal-Birgu. Dawk prezenti qabblu li dawn il-bins jinxtraw mill-fondi li nghataw lill-Kunsill mill-Wasteserv. Il-membri tal-Kunsill qabblu li jintghazlu dawk il-bins li huma attrajenti ghat-tfal u jzommu mall-budget.

74.3.12 Wara li gew mitluba tlett kwotazzjonijiet ghas-servizz ta` DPO mall-Kunsill Lokali tal-Birgu, il-Kunsill ircieva kwotazzjoni wahda. Is-Sindku talab sabiex is-Segretarju Ezekuttiv tistenna ghall-kwotazzjonijiet l-ohra sa` l-ahhar tal-gimgha diehla u tinghata l-fakulta biex taghzel l-ahjar u offerta u dan ghal fatt li mill-1 ta` Gunju, il-Kunsill irid ikollu mahtur DPO. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

74.3.13 Prezentati l-kwotazzjonijiet ta` xoghol f`gutter fi Triq id-Dejqa, fejn l-irhas kwotazzjoni kienet ta` €850 (vat excl). Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

74.3.14 Prezentati l-kwotazzjonijiet ta` xoghol f`zewg gutters fi Triq il-Habs l-Antik, fejn l-irhas kwotazzjoni kienet ta` €500 (vat excl). Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

74.3.15 Prezentati l-kwotazzjonijiet tax-xoghlijiet infrastrutturali li jridu jsiru fi Triq Kan.Luigi Fenech, fejn l-irhas offerta kienet tammonta ghall- €6,015.45 (vat exc). Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni.

74.3.16 Prezentati l-kwotazzjonijiet tax-xoghlijiet infrastrutturali li jridu jsiru f`parti minn Triq il-Kardinal Fabrizio Sciberras, fejn l-irhas offerta kienet tammonta ghall- €5,682.80 (vat exc). Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni.

74.3.17 Gie prezentat l-overtime tal-haddiema klerikali tal-Kunsill ghax-xahar ta` April 2019. Dan gie approvat unanimament minn dawk prezenti.

74.3.18 Gie prezentat l-overtime tal-haddiema tal-CWS ghax-xahar ta` Marzu u April 2019. Dan gie approvat unanimament minn dawk prezenti.

74.3.19 Giet prezentata l-petty cash tax-xahar ta` April 2019. Din giet approvata unanimament minn dawk prezenti.

74.3.20 Giet prezentata l-Mangement Letter li ntbghatet mill-Awdituri tal-Gvern Lokali dwar is-sena finanzjarja 2018. Fil-jiem li gejjin is-Segretarju Ezekuttiv flimkien mall-Accountant ser jhejju l-ittra ta` risposta ghall-Management Letter.

**74.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

74.4.1 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill ghandu bzonn jixtri camera gdida u ghalhkk ghandhom jintalbu l-kwotazzjonijiet sabiex din tinxtara.

74.4.2 Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li rapprezentanti minn naha tal-Primary Health qeghdin jghinnu lill-Kunsill finanzjarjament sabiex isiru l-ahhar ftit xoghlijiet li fadal fil-Berga tal-Ingliterra u dan sabiex jibdew joperaw aktar servizzi li minnhom ser jibbenifikaw specjalment ir-residenti tal-Birgu u lokalitajiet tal-madwar.

**74.5 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

74.5.1 Is-Sur Anton Gellel propona sabiex jinxtraw *kennels* ghall-*stray cats* fil-lokalita. Is-Sur Gellel zied jghid li dan il-kennels jiswew madwar €42. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti li jinxtraw dan il-*kennels*.

74.5.2 Is-Sur Trevor Mizzi propona li jsir pugaman fi Triq it-Torri ta` San Gwann (fil-parti ta` isfel) u dan sabiex dawk kollha li jghaddu minn din it-triq, specjalment dawk anzjani, ikollhom is-sapport ma xiex izommu u jigi evitat kull incident. Dwar dan kien hemm qbil unanimu u l-Kunsil ser jara sew x`jista` jaghmel biex dan il-pugaman jkun jista` jehel mall-art.

**74.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta` Pagamenti**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 4786 sa` BOV 4805, fejn cekk numru BOV4785 gie kkancellat u cekkijiet bin-numri, HSBC 9782 sa` HSBC 9791. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata 30 ta` April sal-14 ta` Mejju 2019.

**74.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-sitta ta` filghaxija (6.00pm). Il-Laqgha giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 4 ta` Gunju 2019 fil-hamsa ta` filghaxija.

Konfermati illum 4 ta` Gunju 2019

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall | Lara Mascena |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |